MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2037/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Melita Cable plc sia bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tad-29 ta' April 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited qed tassumi l-atti kollha tal-kawza odjerna bhala attur minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance plc**

**vs**

**Yves Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm201.84) rappresentanti hlas ta'

danni kkagunati f’incident awtomobilistiku tas-16 ta’ Marzu 2002 f’Telghet B’Kara San Giljan, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFA 630 misjuqa minn Aaron Borg u proprjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici li kienet assikurata taht polza “comprehensive” mahruga mill-istess socjeta’ attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha, u l-vettura IBC 614, misjuqa minn Yves Muscat u proprjeta’ tieghu stess, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Mejju 2002 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-21 ta’ Mejju 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fil-25 ta’ Novembru 2002, li permezz taghha huwa kkontesta t-talbiet attrici u dana billi dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi huwa m’huwiex responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-16 ta’ Marzu 2001. Illi minghajr pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni, l-konvenut eccepixxa ulterjorment illi t-talbiet attrici huma eccessivi.

Ra d-digriet tat-Tribunal tat-22 ta’ Jannar 2003, li permezz tieghu giet awtorizzata l-korrezzjoni fid-data ta’ l-incident stradali mertu tal-kawza billi d-data tas-16 ta’ Marzu 2001 giet mibdula ghall-14 ta’ Marzu 2001.

Sema' x-xhieda ta’ Aaron Borg, il-konvenut Yves Muscat u ta’ P.S.500 John Giusti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit u cioe’ Dokument GM 1 konsistenti fis-*survey report*, Dokument GM2 sa GM4 konsistenti f’*invoices* u ricevuti fiskali rigwardanti t-tiswijiet li saru fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFA630, u d-

Dokument JG1 konsistenti fir-*road accident report* ta' l-incident mertu tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fl-14 ta' Marzu 2001 fit-Telgha ta' B'Kara gewwa San Giljan ftit 'l isfel mis-sala ta' ricevimenti "The Palms", u dana bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFA 630 misjuqa minn Aaron Borg u dik bin-numru ta' registrazzjoni IBC 614, misjuqa minn Yves Muscat. Id-dinamika ta' l-incident huwa wiehed semplici. Il-konvenut kien tielgha Telghet B'Kara kontra d-direzzjoni tal-*one-way*, meta harget il-vettura misjuqa minn Aaron Borg minn Triq San Mark u kisret 'l isfel ghal go B'Kara Hill biex b'hekk il-vetturi gew wicc imb'wicc u sehhet il-kollizzjoni.

Skizz ta' l-incident ma sarx u dana peress illi l-konvenut kien caqlaq il-vettura mill-post ta' l-incident. Kif jixhed is-surgent Giusti, Telghet B'Kara ma hijiex triq wiesgha hafna u zewg vetturi ma jghaddux minn hdejn xulxin peress illi anke jkun hemm vetturi pparkeggjati f'genb minnhom. F'tarf Triq San Mark ma hemmx *stop sign* jew ghall-inqas dak in-nhar ta' l-incident ma

kienx hemm *stop sign*, izda s-surgent jikkontendi illi wiehed xortawahda jrid jiehu l-prekawzjonijiet necessarji qabel ma johrog minn go *side street*. Telghet B'Kara hija *one way* 'l isfel u ghalhekk kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut minhabba li fil-mument tal-kollizzjoni huwa kien qieghed isuq kontra id-direzzjoni tal-*one way*.

Aaron Borg kien qieghed isuq vettura proprjeta' tal-Melita Cable plc li maghha huwa impjegat bhala *installer*. Huwa jikkontendi illi kien qieghed isuq fi Triq San Mark, San Giljan u kien ser idur 'l isfel ghal go B'Kara Hill. Kif wasal f'tarf it-triq huwa xeghel l-*indicator*, naqqas l-ispeed u hareg bil-mod. Hekk kif kiser ghal go B'Kara Hill, lemah il-vettura misjuqa mill-konvenut tielgha bi *speed* eccessiv kontra d-direzzjoni tal-*one way*. Huwa pprova jiehu azzjoni

evasiva sabiex jevita' l-kollizzjoni u waqqaf immedjatament, izda ma kellux post fejn igenneb u ghalhekk il-konvenut baqa' diehel dritt ghal go fih. Il-konvenut caqlaq il-vettura minn fuq il-post ta' l-incident peress illi ried imur iwassal lil uliedu l-iskola, izda wara ftit rega' mar lura.

Il-vettura misjuqa minn Aaron Borg sofriet hsarat fil-*mudguard* tal-lemin, fil-*bumper* u l-*headlamp* ta' l-istess naha u fil-*bonnet*. Aaron Borg ighid illi dak in-nhar ta' l-incident kien hemm vetturi pparkeggjati f'B'Kara Hill kollha wicchom 'l isfel. Huwa jikkontendi illi huwa ma kellux vizwali tajba tal-vetturi telghin minn B'Kara Hill u ma setax jara jekk kienux telghin karozzi u dana peress illi l-vizwali hija ostakolata b'liwja. Huwa jghid illi B'Kara Hill hija triq twila u dejqa.

Il-konvenut min-naha tieghu jghid illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien qieghed iwassal it-tfal l-iskola u peress illi t-triq minn fejn solitu ighaddi kienet maghluqa minhabba li kienu qed isiru xi xogholijiet ta' kostruzzjoni, huwa kellu jaqbad triq ohra. Kien ghalhekk illi huwa beda tielgha B'Kara Hill. F'hin minnhom fil-ponta tat-telgha huwa ra vann hiereg, u ra s-sewwieq qieghed ihares lejn id-direzzjoni l-opposta tat-triq. Huwa ghalhekk resaq lejn il-genb f'dik il-parti tat-triq fejn huwa jikkontendi li ma jipparkegjawx vetturi, u waqqaf biex b'hekk il-vann ikun jista' jghaddi minn hdejh. Huwa kien bejn hmistax u ghoxrin metru 'il boghod minn fejn kien gej il-vann. Ezatt kif is-sewwieq tal-vann lemhu, huwa pprova jzomm il-brejk, izda ma irnexxielux iwaqqaf fil-hin, skidja u baqa' diehel fih.

Il-konvenut isostni illi huwa sar jaf illi t-triq minn fejn kien tielgha kienet *one-way* 'l isfel dak in-nhar stess ta' l-incident minn ghand il-habib ta' Aaron Borg li wasal fuq il-post ftit tal-hin wara. Il-konvenut jiftakar illi l-pulizija kien irrimarka illi t-*tyres* tal-vann kienu mikulin. Huwa jghid illi l-vizwali tieghu tat-triq kienet wahda tajba izda jaqbel illi dik tas-sewwieqa nezlin din it-triq hija x'aktarx ostakolata u li ghalhekk it-traffiku hiereg minn Triq San Mark irid jisporgi ftit 'il barra sabiex jara x'traffiku jkun tielgha minn B'Kara

Hill u dana peress illi fil-ponta tat-triq hemm *blind corner*. Il-konvenut jikkonferma illi huwa telaq minn fuq il-post ta' l-incident bi qbil ma' Aaron Borg u dana sabiex iwassal it-tfal l-iskola u rega' mar lura ftit wara.

Ikkunsidra:

Illi mill-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa, jidher illi donnu t-tnejn li huma hadu l-istess azzjonijiet evazivi sabiex jevitaw l-incident u dana peress illi Aaron Borg min-naha tieghu jghid illi hekk kif lemah lill-konvenut waqqaf, fil-waqt illi anke il-konvenut jikkontendi illi hekk kif lemah il-vann misjuqa minn Aaron Borg huwa resaq lejn il-genb tat-triq u waqqaf. It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi hemm xi nofs veritajiet f'wahda minn dawn il-verzjonijiet jekk mhux fit-tnejn li huma u dana peress illi li kieku kien minnu illi z-zewg sewwieqa waqqfu hekk kif lemhu lil xulxin, il-kollizzjoni certament ma kenitx isehh. Illi ghalhekk il-kwistjoni hija wahda ta' kredibbilita' fid-dawl tac-cirkostanzi li fih sehh l-incident stradali.

Illi hemm zewg fatturi importanti li johorgu mix-xhieda rigward id-dinamika tat-triq u cioe' illi B'Kara Hilli hija triq li tippermetti traffiku f'direzzjoni wahda biss u cioe' *one way* 'il isfel, u wkoll illi l-vizwali tas-sewwieq hiereg minn Triq San Mark sabiex jikser 'il isfel ghal B'Kara Hilli hija wahda ostakolata peress illi din hija *blind corner*. Illi ghalhekk kull sewwieq prudenti fl-ewwel lok ma jridx jazzarda jsuq vettura fl-ebda triq kontra d-direzzjoni tal-*one-way* u dana mhux biss peress illi din tikkostitwixxi kontravenzjoni tat-traffiku, izda wkoll peress illi jkun qieghed ipoggi il-hajja ta' l-utenti l-ohra tat-triq fil-perikolu. Fl-eventwalita' illi sewwieq jazzarda jsuq kontra s-sens uniku tat-triq huwa jrid joqghod ultra attent u jipprevedi b'mod assolut kwalunkwe emergenza li tista' tinqala'.

Fit-tieni lok, sewwieq li jkun hiereg minn triq sekondarja sabiex idur go triq ohra fejn il-vizwali tat-traffiku ma tkunx wahda cara ghandu jzomm a *proper lookout* u joqghod attent illi qabel ma jazzarda jirfes fuq it-triq l-ohra huwa jkun cert illi bl-eda mod ma jkun qieghed ikun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq, kemm vetturi kif ukoll ta' nies

ohra li jkunu ghaddejjin fit-triq f'dak il-mument, kemm bil-mixi kif ukoll b'kwalunkwe mezz ta' trasport iehor. Illi ghalhekk ma huwiex bizzejjed bhal fil-kaz in dizamina meta Aaron Borg kiser ghal go Telghet B'Kara illi huwa esplora t-triq biss fid-direzzjoni minn fejn kien gej it-traffiku, izda huwa kellu fuq kollox jesplora it-triq sew minn kull direzzjoni, iktar u iktar meta huwa jghid illi l-vizwali tat-triq tat-traffiku tielgha din it-telgha kienet wahda ghalih ostakolata, tant illi fil-fatt hekk kif kiser ghal go din it-triq sab il-konvenut ma' wiccu. Huwa jghid illi meta wasal f'tarf Triq San Mark, ma waqqafx, izda irrallenta u kiser, minghajr ma esplora t-triq mid-direzzjoni minn fejn kien tielgha l-konvenut.

B'dana kollu, dana certament ma jnaqqasx mir-responsabbilta' tal-konvenut f'dan l-incident. Kif diga nghad il-konvenut kien qieghed isuq kontra d-direzzjoni tal-*one-way*, ghalkemm huwa jikkontendi illi ma kienx jaf b'dan sa dak in-nhar ta' l-incident. Jidher madankollu illi dak in-nhar huwa kien biddel ir-rotta tat-triq minn fejn kien imdorri jghaddi u dana minhabba li triqtu kienet maghluqa u ghalhekk kellu jghaddi minn toroq ohra li wassluh sabiex jaghmel il-kontravenzjoni li wasslet ghall-incident. Illi t-Tribunal isibha difficli biex jemmen il-verzjoni tal-konvenut u dana minhabba s-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok, il-konvenut jikkontendi illi huwa kien lemah il-vann misjuq minn Aaron Borg fil-ponta tat-telgha u cioe' ezatt kif kien kiser 'l isfel. Huwa resaq lejn il-genb tat-triq u waqqaf. F'dan il-mument ikkalkula illi l-vann kien madwar hmistax jew ghoxrin mertu 'il boghod minnu. Illi minn din id-distanza daqshekk 'il boghod il-vann, certament kien ikollu bizzejjed hin sabiex ikun jista' jirrallenta u ghalhekk jevita' l-kollizzjoni. Il-konvenut jikkontendi illi l-vann zamm il-brejk u skidja u kien ghalhekk li baqa' diehel fih. Mir-*road accident report* ma jidhirx illi l-gurnata ta' l-incident kienet wahda ta' xita jew inkella li kien hemm xi kundizzjonijiet fit-triq jew fil-vann li setghu wasslu sabiex isehh dak li qed jikkontendi l-konvenut. Lanqas ma jidher illi s-surgent Giusti kien osserva xi *break marks* fit-triq. Inoltre fil-verzjoni tal-konvenut imnizzla fir-*road accident report* ma jidhirx illi huwa kien qal lis-surgent illi kien dahal

lejn il-genb tat-triq u waqqaf, izda illi hekk kif kien tielgha B'Kara Hill, il-vann ta' Aaron Borg hareg minn go Triq San Mark u baqa' diehel fih.

Illi ghalhekk it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet primarjament il-fatt illi l-konvenut kien qieghed isuq kontra d-divjet tat-traffiku minghajr kont u l-attenzjoni necessarja fi triq dejqa li ma tistax tippermetti manuvri ta' evazjoni f'kaz ta' xi emergenza bhal dik li inqalghet. Madankollu s-sewwieq tal-vann Aaron Borg ikkontribwixxa in parti wkoll ghal dan l-incident meta huwa baqa' hiereg minn Triq San Mark minghajr ma waqqaf u esplora t-triq sew miz-zewg nahat biex b'hekk seta' kien ta' perikolu ghal kwalsiasi utenti fit-triq telghin minn B'Kara Hill.

Ghalhekk fil-kwadru tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi t-tort illi ghandu jbati l-konvenut ghall-incident stradali mertu tal-kawza huwa ta' tlett kwarti u dana peress illi l-assikurat tas-socjeta' attrici kkontribwixxa ghall-incident fi proporzjon ta' kwart.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ghalkemm il-konvenut fit-tieni eccezzjoni jecepixxi illi dawn huma eccessivi, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm kontestazzjoni dwar dan matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jatqa' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm151.38) u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici din is-somma, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mis-socjeta' attrici nomine..

---------------------------------TMIEM---------------------------------